VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 441 tal-2014

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2014 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 8).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2014 jitqiesu li ma baqgħux jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) u ġew trasferiti lura lill-Kummissarju tal-Artijiet kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art, inkluż kull bini li hemm fuqha, ġewwa Birżebbuġa, li tidher immarkata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2014_522, u dik il-pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Anthony Hili permezz ta' att pubbliku tat-13 ta' Awwissu 2014.